MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 74/2012

**Luigia *sive* Louise Attard**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru**

**u l-Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat id-9 ta’ Novembru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi hi intimata fi proceduri fl-ismijiet *Axiaq Mary et vs Attard Luigia sive* Louise, (Rikors Numru 5/2003), pendenti quddiem it-Tribunal ta’ l-Arbitragg dwar Qsim ta’ Wirt, stabbilit appozitament ghall-proceduri rigwardanti d-divizjoni ta’ wirt;

1.2. Illi kif stabilit fil-Kap 308 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-proceduri quddiem it-Tribunal imsemmi fil-paragrafu precedenti jilledu d-dritt fundamentali ta’ smiegh xieraq tar-rikorrenti kif sancit taht l-artikli 39(2) u 6(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rispettivament;

1.3. Illi dan it-Tribunal fuq riferit qatt ma’ jista` jitqies li hu tribunal jew qorti indipendenti u imparzjali kif rikjest;

1.4. Illi l-imsemmi Tribunal jinghata gurisdizzjoni esklussiva u mandatorja meta wiehed jew aktar mill-partijiet li jippossjedi/u mhux anqas minn hamsin fil-mija, (50%), tal-ishma tal-beni jirreferi/u il-kaz dwar dan il-qsim tal-wirt quddiem dan it-Tribunal, (artiklu 3(1) tal-Kap 308);

1.5. Illi din il-procedura indikata fil-paragrafu precedenti tapplika wkoll anke meta jkun hemm proceduri ghaddejjin f’qorti ta’ l-ewwel grad, (artiklu *recte* 2(4), 3(4), 9(1) u (2) tal-Kap 308);

1.6. Illi konsegwenza ta’ l-istess il-werriet minoritarju hu awtomatikament suggett ghal proceduri sfurzati fuqu quddiem dan it-Tribunal;

1.7. Illi konsegwenza ta’ l-istess il-werriet minoritarju qed jitlef ghadd ta’ drittijiet li jgawdi quddiem qorti ordinarja, u dan, kontra l-volonta` tieghu;

1.8. Illi dritt ghall-access quddiem qorti li jgawdi kull cittadin jista` biss jigi rinunzjat b’rizultat ta’ ftehim appozitu;

1.9. Illi jezistu dubji serji u gravi fuq l-imparzjalita` u l-indipendenza ta’ l-imsemmi Tribunal;

1.10. Illi fuq is-*“security of tenure”* ta’ l-arbitru ghandu jinghad is-segwenti:

1.10.1. Illi qorti jew tribunal m’ghandux biss ikun indipendenti imma ghandu wkoll ikollu l-apparenza t’indipendenza;

1.10.2. Illi l-arbitru fil-prezent irid ikun avukat pratikanti, u allura, mhux gudikant indipendenti fil-veru sens tal-kelma;

1.10.3. Illi l-istat indikat fil-paragrafu precedenti jista` ghalhekk jaghti lok ghall-konflitt t’interess;

1.10.4. Illi m’hemm xejn x’jimpedixxi lill-esekuttiv milli jahtar lill-istess arbitru fl-istess kariga ghal perjodu iehor fiss u rinovabbli;

1.10.5. Illi arbitru sedenti mhux statutorjament prekluz milli jidher quddiem l-istess Tribunal diversament presedut biex jassisti parti minnu patrocinata;

1.11. Illi l-werrieta m'ghandhom l-ebda setgha fuq l-ghazla ta' l-arbitru hlief li jghazlu li l-kaz jinstema` quddiem tlett (3) arbitri;

1.12. Illi d-drittijiet ta' l-arbitri huma dawk stabbiliti ghal periti legali u periti ohra taht il-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u allura xejn ma' jzomm lill-ezekuttiv milli jnaqqas il-kategoriji ta' drittijiet ghaz-zvantagg ta' l-arbitri – inkluz it-tnaqqis ta' l-onorarja taghhom;

1.13. Illi *di piu`*, id-decizjonijiet tat-Tribunal huma finali u konlussivi, (ara artiklu 10(6) tal-Kap 308 fuq riferit);

1.14. Illi konsegwenza tal-imsemmija finalita` decizjonarja indikata fil-paragrafu precedenti, il-partijiet involuti m'ghandhomx dritt t'appell – lanqas quddiem qrati ordinarji;

1.14.1. Illi dan in-nuqqas jilledi l-principju tal-*"legitimate expectations"* li ghandu jkollu kull persuna u li ghadu kull litigant iehor quddiem il-qrati ordinarji u tribunali ohra;

1.15. Illi hu wkoll finalment dubbjuz jekk id-decizjonijiet ta' dan it-Tribunal humiex enforzabbli taht il-*Council Regulation* (EC) Numru 44/2001 ta' l-Unjoni Ewropea, liema regolamenti jeskludu l-applikabilita` ta' proceduri t'arbitragg fl-artiklu 1(2)(d), u allura johloq zvantagg serju

meta *si tratta* ta' qsim ta' wirt bejn persuni residenti fi stati differenti ta' l-Unjoni Ewropea;

1.16. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.16.1. Tiddikjara li l-Kap 308 tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra l-provedimenti tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel), u allura mhux vinkolanti;

1.16.2. Tordna li jieqfu l-proceduri intavolati kontra r-rikorrenti quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim ta' Wirt Numru 5/2003;

1.16.3. Taghti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni li jidrilha xierqa biex jigu mharsa d-drittijiet kostituzzjonali u fundamentali tar-rikorrenti;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimati datata t-22 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha, sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet ta-rikorrenti huma kollha infondati;

2.2. Illi preliminarjament il-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur, u dan, *ai termini* ta' l-artiklu 181B tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2.3. Illi l-proceduri quddiem it-Tribunal *de quo* ghandhom pendenti;

2.4. Illi hu pacifiku li biex tigi deciza allegazzjoni ta' smiegh xieraq jinhtieg li jsir apprezzament tal-process fl-interezza tieghu;

2.5. Illi ghalhekk fejn *si tratta* l-allegata nuqqas t'indipendenza u imparzjalita`, dan l-apprezzament tal-process intier jista` jaghmel sens;

2.6. Illi ghalhekk dan l-apprezzament tal-allegazzjonijiet ta' karenza ta' smiegh xieraq tirrikjed evalwazzjoni tal-process fl-interezza tieghu;

2.7. Illi ghalhekk *stante* li l-process *de quo* mhux konkluz, l-azzjoni odjerna hi wahda intempestiva;

2.8. Illi l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li biex jigi garantit id-dritt ta' smiegh xieraq dan ghandu jsir fi zmien ragonevoli u jinstemgha minn qorti indipendenti u mparzjali stabbilita b'ligi;

2.9. Illi l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fuq riferita jmur oltre r-rekwiziti stabbiliti fil-Kostituzzjoni indikati fil-paragrafu precedenti u jipprovdi *in oltre*, li dan ghandu wkoll ikun pubbliku u jsir quddiem tribunal indipendenti u mparzjali imwaqqaf b'ligi;

2.10. Illi t-Tribunal in dizamina jissodisfa l-imsemmija rekwiziti u allura hu "tribunal" *ai termini* tal-artikli tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni fuq riferiti;

2.11. Illi rigward it-tifsira tal-kelma "tribunal" il-***Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*** fil-kaz ***Le Compte Van Zeuven and Meyere*** deciz fit-***23 ta' Gunju, 1981*****,** irriteniet is-segwenti:

> "... use of the term "tribunal" is warranted only for an organ which satisifies a series of further requirements – independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office,

guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Article 6(1) itself";

2.12. Illi t-tribunal stabbilit fil-Kap 308 tal-Ligijiet ta' Malta jissodisfa r-rekwiziti kollha tas-smiegh xieraq impost mill-artiklu 6 tal-Konvenzjioni in dizamina u mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni *de quo*,

2.13. Illi ghalhekk dan hu certament "tribunal" ghall-finijiet u funzjonijiet fuqu mposti statutorjament;

2.14. Illi rigward l-indipendenza u mparzjalita` tat-tribunal *de quo* jinghad is-segwenti:

2.14.1. Illi ssir referenza ghall-artiklu 5(2) u (5) tal-Kap 308 fuq indikat;

2.14.2. Illi arbitru jista` jastjeni u/jew jigi rekuzat *ai termini* tal-artiklu 15 tal-Kap indikat fil-paragrafu precedenti;

2.14.3. Illi anke kieku arbitru jkun appuntat mill-esekuttiv, dan xorta hu indipendenti;

2.14.4. Illi kif stabbiliet il-***Qorti Ewropea*** fil-kaz fl-ismijiet ***Campbell and* Fell**, (ta' liema kaz l-intimati ma jissottomettu l-ebda referenza):

> "The Court does not consider that this establishes that the members are not independent of the Executive: to hold otherwise would mean that judges appointed by or on the advice of a Minister having responsibilities in the field of the administration of the courts were also not independent";

2.15. Illi rigward s-*"security of tenure"* ta' l-arbitru hu sottomess is-segwenti:

2.15.1. Illi l-membri inkluzi fil-lista ta' l-arbitri jinhatru ghal perjodu ta' tlett (3) snin, u dan skont l-artiklu 6 tal-istes Kap 308;

2.15.2. Illi fil-kaz fl-ismijiet **Kenneth Brincat vs Avukat Generali et** (li tieghu wkoll l-intimati ma jissottomettu l-ebda referenza), gie stabbilit is-segwenti:

> "... hu minnu li idejalment gudikatur jinhatar b'mod permanenti u *full-time "ad vitam au culpam"*. Izda hu rikonoxxut, u dan anke fil-ligi taghna stess, li hemm il-limitu ta' l-eta` ... u tali limiti m'humiex meqjusa li jeffettwaw l-indipendenza. Illi kif intqal f'*Bold Zand vs. Austria (1978)*:
>
> > "The irremoveability of judges during their term of office, whether it be for a limited period of time of for life time, is a necessary corollary of their independence";

Illi anki l-Imhallfin tal-Qorti Ewropea jinhatru ghal perjodu fiss bejn 3 u 9 snin. Illi b'hekk f'***Paul Clancy vs Robin Dempsey Caird*** (4/4/2000 – Lord Sutherland – Court of Session Scotland) l-Imhallef qal:

> "Accordingly, it appears to me clear that there can be no objection *per se* to the appointment of judges for a fixed term, provided that during that period there is security of tenure which guarantees against interference by the Executive in a discretionary or arbitrary manner";

2.16. Illi rigward l-allegat nuqqas t'access ghall-qorti gie rilevat is-segwenti:

2.16.1. Illi d-dritt ghal access ghall-qrati mhux wiehed assolut;

2.16.2. Illi dan hu dritt li jista` jigi assoggettat ghal certi modalitajiet u limitazzjonijiet – fejn oggettivament gustifikabbli;

2.16.3. Illi l-***Qorti Ewropea*** fil-kawza fl-ismijiet ***Devenney vs. The United Kingdom*** deciza fiz-***19 ta' Marzu, 2002***, irriteniet li dawn il-limitazzjonijiet:

> "... are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State";

2.16.4. Illi *l-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti*, fil-kaz fl-ismijiet ***X vs. Sweden, 1982*** stabbiliet li:

2.16.4.i. L-imposizzjoni ta' zmien perentorju li jwaqqaf proceduri jew

2.16.4.ii. L-imposizzjoni ta' zmien perentorju li jillimita l-bidu taghhom

ma' jwassalx ghal ksur tad-dritt t'access ghal qrati;

2.16.5. Illi *di piu`* regoli li jistabbilixxu l-waqfien ta' proceduri, bhal:

2.16.5.i. Nuqqas ta' hlas ta' depozitu ghall-ispejjez;

2.16.5.ii. Imposizzjoni ta' multi mhabba appelli vessatorji;

ma' jiksrux id-dritt t'access ghall-qrati, (ara ***P vs. France, 1987*** u ***Deweer vs. Belgium, 1980***);

2.17. Illi rigward l-enforzabilita` *o meno* ta' decizjonijiet tat-Tribunal *de quo ai termini* tar-Regolament 44/2001 ta' l-Unjoni Ewropea jinghad is-segwenti:

2.17.1. Illi din il-kwistjoni mhix rilevanti ghad-determinazzjoni jekk il-proceduri mehuda *ai termini* tal-Kap 308 humiex konformi ma' l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni hawn indirizzati;

2.18. Illi l-kap 308 tal-Ligijiet ta' Malta jiggarantixxi s-salvagwardji kollha tas-smiegh xieraq;

2.19. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.20. Illi ghalhekk wkoll l-istess talbiet ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 70);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-1 ta' Settembru, 2014, (ara foll 71), flimkien ma dik sottomessa mill-intimati datata l-14 ta' Novembru, 2014, (ara foll 79);

5. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

6. Tirrileva li l-partijiet ghazlu li jistriehu fuq id-dokumenti u posizzjonijiet skritti minnhom ipprezentati u ghazlu li ma jresqux provi aktar minn dawk minnhom ipprezentati;

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-vertenza odjerna hi essenzjalment is-segwenti:

8.1. Illi r-rikorrenti qed tikkontesta l-kostituzzjonalita` tal-Kap 308 u wkoll qed tissottometti li dan l-istess Kap jilledi anke l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

8.2. Illi r-rikorrenti qed tintavola l-imsemmija ilmenti ghaliex jidrilha li l-garanzija kostituzzjonali ta:

8.2.1. Indipendenza u mparzjalita` tat-Tribunal stabbilit tal-Kap 308 mhumiex hekk garantiti;

8.2.2. *Security of Tenure* tal-arbitru hekk mahtur taht l-imsemmi Kap ukoll mhix garantita;

8.2.3. Illi nuqqas t'access ghall-qrati jilledu l-istess garanziji hekk sanciti kif indikat aktar qabel, (ara paragrafu numru tmienja punt wiehed, (8.1.), aktar qabel);

8.2.4. Illi *stante* l-karenza ta' l-istruttura in dizamina li allegatament ma tikkwalifikax bhala Tribunal *ai termini* tar-Regolament 44/2001 ta' l-Unjoni Ewropea, allura kwalunkwe decizjoni ta' l-istess ma tkunx tista` tigi enforzata fi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi preliminarjament ghandhom l-ewwel jigu indirizzati is-segwenti kontestazzjonijiet:

9.1. Illi l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur;

9.2. Illi ir-regolament Ewropew fuq indikat, (ara paragrafu numru tmienja punt tnejn punt erbgha, (8.2.4.), aktar qabel), mhux enforzabbli fi stat iehor membru tal-Unjoni Ewropea;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari li tikkoncerna l-posizzjoni tal-Prim Ministru fl-atti odjerni jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi l-kwistjoni in dizamina hi regolata bi kjarezza mill-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10.2. Illi l-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jistabilixxi s-segwenti:

“(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-departiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:...

(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern”.

10.3. Illi hawnhekk ir-rikorrenti qed tindirizza l-isforzi taghha fil-konfront ta’ struttura partikolari intiza partikolarment biex tindirizza dawk il-kwistjonijiet naxxenti minn nuqqas ta’ qbil bejn eredi li jkun jinhtigilhom jaqsmu l-wirt ta’ l-avi taghhom;

10.4. Illi ghandu jkun pacifiku li l-artiklu 181B fuq ikkwotat *in parte* li jistabbilixxi li f’dawn il-kazijiet l-opzjoni preferenzjali hi mqeghda f’hogor il-Kap tad-dipartiment tal-Gvern ikkoncernat;

10.5. Illi meta ghal xi raguni mhix espressament indikata dan ma jkunx possibbli mhabba in-natura tat-talba, allura din ir-rapprezentanza tal-Gvern hi statutorjament imposta fuq l-Avukat Generali li jkollu l-oneru ta’ rapprezentanza in dizamina fi proceduri gudizzjarji;

10.6. Illi r-referenza tar-rikorrenti f’dan ir-rigward ghall-artiklu 242 tal-Kap 12 tal-Ligijiet *de quo* mhix *idonea* ghas-sitwazzjoni in dizamina *stante* li tiskatta biss f’punt temporanju sussegwenti ghad-decizjoni finali fir-rigward meta l-organu legislattiv ikun kostrett jiehu konjizzjoni u jagixxi fuq dikjarazzjoni t’inkostituzzjonalita` ta’ ligi li ghaddiet *in res judicata* u jirrimedja is-sitwazzjoni kreata fid-dawl ta’ l-istess;

10.7. Illi l-fazi indirizzata fl-atti odjerni zgur li ma tinkwadrax fil-fazi indirizzata fl-imsemmi artiklu 242 tal-Kap 12 *de quo*, u konsegwentement tali referenza hi lil hemm mill-binarju in dizamina;

10.8. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fl-istadju in dizamina il-kontendenti ghadhom biss qed jiddibattu jekk il-Kap 308, jew partijiet minnhu, humiex jilledu l-Kostituzzjoni u Konvenzjoni in dizamina kif fuq deskritt;

10.9. Illi fid-dawl tas-suespost il-Prim Ministru hu ghalhekk estraneu ghall-procedura in dizamina u l-presenza tal-Avukat Generali hi effettivament sufficjenti;

**DECIDE:**

11.0. Illi in vista tal-premess, tilqa` din ir-risposta tal-intimati u konsegwentement:

11.1. Tiddikjara li l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti; u

11.2. Tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

11.3. Bl-ispejjez ta' dan il-kap kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi rigward il-lanjanza koncernanti r-Regolament Ewropew fuq indikat sollevat mir-rikorrenti, jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi fid-dawl tar-rizultanzi naxxenti mid-dokumentazzjoni pprezentata *in atti* ghandu jkun pacifiku li din il-lanjanza:

12.1.1. Ma tikkoncernax lir-rikorrenti *stante* li ma giex pruvat li bi hsiebha tenforza s-sentenza

eventwali tat-Tribunal *de quo* fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

12.1.2. Illi jirrizulta li din hi biss lanjanza ipotetika li ghada m'avveratx ruhha u li ghalhekk, ma tistax tigi investita fil-procedura odjerna;

12.2. Illi *di piu`* din l-istess lanjanza kif sollevata tmur lil hemm mill-limitazzjoni imposta mill-procedura odjerna li hi biss wahda ta' natura kostituzzjonali;

12.3. Illi dak li r-rikorrenti qed tistieden lill-qorti li taghmel hu li tindirizza atti li *"jistghu"* jemergu fil-futur, liema atti ma ppruvatx li huma t'*indole* kostituzzjonali kif ir-rikorrenti stess wara kollox ghazlet li targina u tillimita din il-procedura;

**DECIDE:**

13.0. Illi in vista ta' l-istess tiddikjara li l-intimat Avukat Generali pprova r-risposta tieghu f'dan ir-rigward u konsegwentement:

13.1. Tirrespingi din it-talba tar-rikorrenti;

13.2. Bl-ispejjez relattivi ghall-istess kontra r-rikorrenti:

Ikkunsidrat:

14.0. Illi issa finalment jonqos ir-risoluzzjoni tal-vertenza kostituzzjonali sollevata mir-rikorrenti rigwardanti l-meritu veru u propju ta' dak minnha indirizzat, senjatament:

14.1. Il-kwistjoni tal-indipendenza u imparzjalita` tat-Tribunal *de quo*;

14.2. Is-*"security of tenure"* jew ahjar il-garanzija tal-kariga;

Ikkunsidrat:

15. Illi l-problematika sollevata tistraripa kemm il-binarju strutturali kif ukoll f'binarju sostantiv li t-tnejn jimmeritaw analisi aktar approfondit;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-principji kostituzzjonali u konvenzjonali involuti sollevati mill-lanjanzi indirizzati mir-rikorrenti jistghu jigu sintetikament promossi bil-mod segwenti:

16.1. Illi l-**Qorti ta' Strasburgu** inkarigata mill-kontroll gudizzjarju finali tal-problematika odjerna, qatt ma' rat bi *buon occhio* tentattivi ta' Stati firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-

Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem li jippruvaw b'xi mod li jevadu principji hemm stabbiliti;

16.2. Illi ghalhekk ghandu minn dan jirrizulta pacifiku li fil-ligijiet appozitament redatti mill-Istati firmatarji, l-qrati taghhom ghandhom mhux biss jinghataw is-setgha dovuta li jiddeterminaw tali proceduri f'dik l-indipendenza procedurali, konoxxittiva u decizjonali rikjesta, imma li l-istess Stati firmatarji ta' l-imsemmija Konvenzjoni huma hekk prekluzi milli arbitrarjament jittrasferixxu gurisdizzjoni bejn il-qrati u tribunali amministrattivi, li jkollhom effett nociv fuq din l-indipendenza procedurali, konoxxittiva u decizjonali riferita;

16.3. Illi f'dan ir-rigward, is-sors fundamentali generali tal-principji involuti u l-veru fonti partikolari tal-principji ta' l-indipendenza u l-imparzjalita`, u tal-garanzija tal-hatra maghha annessa hawn in dizamina, huma naxxenti mid-dutrina tas-separazzjoni tal-poteri ta' l-Istat, li hi centrali f'dan ir-rigward;

16.4. Illi kif sostna Montesquieu f'dan ir-rigward:

> "Political liberty is to be found only when there is no abuse of power. But constant experience shows us that every man invested with power is liable to abuse it, and to carry his authority as far as it will go... To prevent this absue, it is necessary from the nature of things that one power should be a check on another ... When the legislative and executive powers are united in the same person or body ... there can be no liberty ... Again, there is no liberty if the judicial power is not separated from the legislative and the executive ... There would be an end of everything if the same person or body, whether of the nobles or of the people, were to exercise all three powers", (*L'Esprit des Lois*, 1748: Chapter XI, pp 3-6);

16.5. Illi *nonostante* s-suespost, la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni in dizamina, ma jiddettaw bi precizjoni kif dawn ir-rekwiziti ghandhom jigu espressi fid-dettal;

16.6. Illi dan l-oneru hu kompletament fdat f'idejn l-Istati firmatarji tal-istess Konvenzjoni, u l-qorti ta' Strasburgu tintrometti ruhha biss kemm -il darba tkun mitluba espressament taghmel dan;

16.7. Illi in effetti, fil-kaz fl-ismijiet ***Langborger vs. Sweden (1990)*** l-imsemmija qorti stabbiliet li anke meta ma jkun hemm l-ebda raguni soggettiva li wiehed ghandu jiddubita mill-integrita` personali tal-gudikant hu rekwizit importanti li l-apparenza ta' indipendenza u l-imparzjalita` oggettiva ghandha dejjem tkun priservata;

16.8. Illi fil-kaz fl-ismijiet ***Sramek vs. Austria (1984)*** il-qorti ta' Strasburgu sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni in dizamina meta kien stabbilit li membru ta' qorti kien professjonalment subordinat ghal wiehed mill-partijiet fil-kawza u stabbiliet li f'tali cirkostanzi wiehed facilment jista` jiddubita fl-indipendenza u fl-imparzjalita` ta' dak li jkun;

16.9. Illi tali cirkostanzi faciliment jeffettwaw negattivament dik is-serenita`, fiducja, u kunfidenza, li l-qrati fi stati t'*indole* demokratika li jhaddnu s-sovranita` tad-dritt ghandhom jispiraw ghalih;

Ikkunsidrat:

17. Illi tenut kont tal-principji fuq sintetikament rilevati u ta' l-analisi tal-protezzjoni li tali principji attiraw mill-qorti ta' Strasburgu, hu issa matur li jkunu analizzati l-fatti meritu tal-procedura odjerna;

18.0. Illi ghal dak li ghandu rilevanza strutturali kif fuq gia` indikat, (ara paragrafu numru hmistax, (15), aktar qabel), jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi fir-risposta tieghu l-intimat rimanenti jissottometti li l-arbitri appuntanti biex jippresjiedu jew joqghodu bhala membri fit-Tribunal in dizamina "... jistghu jinhatru ghal zmien tliet snin ...", (ara foll 6);

18.2. Illi fit-termini ta' l-artiklu 6 tal-Kap 308 in dizamina, dak asserit mill-imsemmi intimat u minnu pprovdut bhala prova ghall-garanzija tal-kariga, (*Security of tenure*), in dizamina, ma' jirrizultax li hu kif minnu asserit u indirizzat;

18.3. Illi in effetti l-artiklu 6 tal-Kap 308 fuq riferit jghid testwalment hekk:

"(1) Persuna mahtura fuq il-*panel* ta' arbitri ghandha sservi ghall-perjodu specifikat fil-hatra taghha li jkun perjodu ta' mhux inqas minn tlett snin u jekk ma jigi specifikat l-ebda perjodu bhal dak ghandha sservi ghal perjodu ta' tlett snin";

18.4. Illi jigi sottolineat li stranament, dan il-perjodu tal-hatra tal-arbitru, qieghed introdott f'paragrafu li effettivament hu intitolat *"Funzjonijiet ta' Arbitri"* u mhux kif logikament jisthoqlu *Kostituzzjoni tat-Tribunal* jew *Terminu tal-Hatra* tal-arbitri *de quo*;

18.5. Illi tenut kont tas-suespost l-artiklu 6(1) tal-Kap 308 fuq riferit ghalhekk jippekka f'dik uniformita` logika li wiehed ghandu jezigi u jippretendi fi statut fejn titolu hemm impost ghandu effettivament jindirizza s-suggett minnu indikat u mhux xi haga totalment differenti kif inhu fil-kaz odjern;

18.6. Illi *di piu`*, l-istess artiklu in dizamina jippekka wkoll f'dik l-uniformita` temporanja rigwardanti l-hatra tal-arbitri hemm esposta li l-intimat jipprova erronjament jistabilixxi fir-risposta tieghu, (ara foll 6);

18.7. Illi kuntrarju ghal dak li jsostni l-intimat li l-hatra tal-arbitri involuti hi ta' tlett (3) snin, l-artiklu in dizamina effettivament johloq il-possibilita` favur l-esekuttiv li jahtar l-arbitri *de quo*, li jkollu l-facilita` li johloq diversi tipi ta' arbitri, senjatament:

18.7.1. Dawk, fejn fid-dokument tal-hatra taghhom l-esekuttiv ghandu l-fakulta` li ma jistabilixxi l-ebda terminu – u allura, skont l-istess artiklu fuq riferit il-perjodu tal-hatra hawn in dizamina jkun awtomatikament stabilit statutorjament fil-perjodu ta' tlett (3) snin, liema perjodu hu rinovabbli;

18.7.2. Dawk fejn fid-dokument tal-hatra taghhom l-esekuttiv ghandu l-fakulta` li jistabilixxi terminu – fejn l-artiklu *de quo* ma' jistabilixxi l-ebda terminu fir-rigward, liema hatra:

18.7.2.i. Mhux biss hi rinovabbli bhal fil-kaz indikat fil-paragrafu precedenti;

18.7.2.ii. Izda t-terminu involut hu wkoll fdat kompletament fid-diskrezzjoni insindakabbli tal-esekuttiv;

18.7.3. Illi konsegwenza tad-diskrezzjoni in dizamina, u kuntrarjament ghal dak li jsostni l-intimat rimanenti fir-risposta tieghu, (ara foll 6), fl-ezercizzju tieghu tad-diskrezzjoni in dizamina l-ezekuttiv effettivament ghandu l-possibilita` reali li jahtar ***tlett (3)*** tipi ta' arbitri, senjatament:

18.7.3.i. Dawk ghall-perjodu ta' tlett (3) snin - fejn id-dokument tal-hatra ma' jistipula l-ebda terminu fir-rigward;

18.7.3.ii. Dawk ghall-perjodu ta' aktar minn tlett (3) snin - fejn il-perjodu jigi stabbilit espressament mill-esekuttiv fl-imsemmi dokument tal-hatra skont il-ligi;

18.7.3.iii. Dawk ghall-perjodu anqas minn tlett (3) snin – fejn ukoll il-perjodu involut ikun espressament stabbilit mill-esekuttiv fl-imsemmi dokument tal-hatra skont il-ligi;

18.7.4. Illi ghal kull buon fini jigi hawn immedjatament sottolineat li mill-1984, is-sena meta giet introdotta il-ligi in dizamina, hadd mill-kontendenti ma' intavola xi prova jew accenna li gew mahtura arbitri ghall-

perjodi aktar jew anqas mit-tlett (3) snin fuq riferiti;

18.7.5. Illi pero` ghandu jkun pacifiku li *nonostante* li jidher li tul is-snin gie ezercitat il-*buon sens* fuq riskontrat li l-hatriet kienu ghal perjodu regolari ghal kull minn gie hekk mahtur, bil-ligi kif inhi dejjem tibqa` l-possibilita` li jistghu jinhatru arbitri ghall-perjodi differenti kif fuq indikat;

18.7.6. Illi l-ezistenza ta' tali possibilita`, minnha nnifisha, taffettwa dik is-serenita`, fiducja, u kunfidenza, li l-organi gudizzjarji ghadhom jattiraw;

18.7.7. Illi l-bazi ta' tali konkluzjoni hi rizultat logiku tal-possibilita` ta' holqien ta' arbitri b'terminu differenti kif fuq deskritt *stante* li din il-possibilita`:

18.7.7.i. Mhux biss tohloq tlett (3) tipi ta' kategoriji ta' arbitri kif fuq indikat;

18.7.7.ii. Izda tohloq ukoll f'mohh ic-cittadin, li jkun kostrett statutorjament li jutilizza unikament dawn is-servizzi pseudo-gudizzjarji ad esklussjoni tal-possibilita` li kellu qabel l-introduzzjoni tal-Kap 308 *de quo*, l-idea li jista` jkun li hemm arbitri aktar meritevoli minn dak assenjat lilhu billi kien hekk mahtur ghall-perjodu itwal minn dak ta' ohrajn;

18.7.7.iii. Illi ghal hekk, b'din il-fakulta` rizervata ghalih mill-esekuttiv, ic-cittadin jista` wkoll ikun indott li jahseb u jikkonkludi li x'uhud mill-arbitri li jistghu jinhatru ghall-perjodi itwal minn ohrajn huma aktar meritevoli - ghal xi raguni jew ohra - f'ghajnejn l-esekuttiv;

18.7.8. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-presenza biss ta' tali possibilita` manipulattiva timmina dik is-serenita`, fiducja u kunfidenza li c-cittadini gustament jippretendi li jkollu fl-operat gudizzjarju;

18.7.9. Illi hi l-fehma konsiderata tal-qorti li tali diskrezzjoni esekuttiva timmina l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja billi b'dan l-operat l-esekuttiv qieghed biss iqarreb lis-sistema gudizzjarja taghna lejn il-posizzjoni antika li l-ordinament Malti ilu li rripudja bi kburija aktar minn seklu u nofs ilu fejn gudikant kien servi *"quam principi placuit"* u mhux fit-termini tal-principju konkwistat li jservi fl-interess tal-haqq u s-sewwa *"quam dice se bene gesserint"*;

18.7.10. Illi *di piu`*, jirrizulta ukoll li din il-fakulta` li l-ezekuttiv irritjena li kellhu jirriserva ghalih id-dritt li jaghzel arbitri b'inkarigu temporanju possibilment differenti tohloq aktar problemi meta tigi ezaminata flimkien mal-possibilita` prattika u reali li l-istess arbitri jibqghu jezercitaw il-professjoni taghhom bhala avukati pratikanti fl-istess zmien li huma qed jaqdu l-inkarigu ufficjali hawn ezaminat;

18.7.11. Illi ghandu jkun pacifiku li tali possibilita` facilment tista` tohloq konfuzjoni f'mohh ic-cittadin utent tas-servizzi fl-ambitu ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, liema konfusjoni zgur ma timmilitax favur l-attwazzjoni ta' dik is-serenita`, fiducja u kunfidenza mixtieqa u rikjesta fl-ambitu in dizamina;

18.7.12. Illi l-fakulta` li arbitru jkollu li jistraripa mill-kamp gudizzjarju fejn jinhtieg li jkun "*super partes",* ghall-kamp forensi, fejn minflok jinhtieg li jkun *"ex parte"*, tohloq il-possibilita` reali ta' kontaminazzjoni xejn felici li l-principji portanti ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja jabborrixxu;

18.7.13. Illi ghandu jkun pacifiku li tali sitwazzjoni tista` facilment tohloq anke fl-ahjar ipotesi - percezzjoni ta' vantagg illecitu, li klijent jista` facilment jimmanipula favur tieghu mhux biss jekk sfaccatament jaghti xi inkarigu forensi lill-artibtru fi proceduri differenti – haga li fortunatament f'dan il-kaz lanqas biss giet accennata – izda, jista' minflok, jaghti inkarigu lill-ufficju forensi li ghalih ikun jappartjeni l-istess arbitru;

18.7.14. Illi fiz-zewg (2) ipotesijiet fuq indikati, d-dannu li jista` jsir lill-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja hu irreparabbli u hi ferm aktar perikoluza mill-konkorrenza zleali li tohloq fil-professjoni in dizamina;

18.7.15. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li:

18.7.15.i. Mhux biss tezisti l-possibilita` ta' straripar forensi kif fuq indikat;

18.7.15.ii. Izda tezisti l-possibilita` reali li ghalhekk, anke s-suq forensi tant essenzjali ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li fuqu jistrieh l-edificcju demokratiku kif fundat fuq il-principji fondant bi-polari naxxenti kemm mis-Sovranita` tad-Dritt u mid-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, jigi kontaminat ghad-detriment ta' min sinceramant ghad ghandu ghal qalbu dik is-serenita`, fiducja u kunfidenza fl-operat in dizamina;

18.7.16. Illi fid-dawl tas-suespost, ghandu jkun pacifiku li l-possibilitajiet fuq ezaminati m'humiex biss ipotetici izda huma realment u facilment attwabbli u ghalhekk, huma nocivi ghal socjeta` demokratika li thaddan il-principji fuq rilevati tas-sovranita` tad-dritt;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi ghalhekk ghandu jkun ukoll pacifiku li d-dinamika strutturali riskontata fl-Att in dizamina u fuq sintetikament esposta, hi facilment konducenti ghall-holqien ta’ konflitt t’interess xejn deziderat, anzi repunjanti, fil-kamp ta’ l-amministrazzjoni tal-gustizzja, billi dan zgur jirrizulta li hu nociv:

19.1. Kemm ghall-interessi legittimi li l-partijiet involuti fil-procedura in dizamina jista` jkollhom *stante* li tali konflitt:

19.1.1. Mhux biss ikun mohbi u sigriet, izda

19.1.2. Minnhu nnifsu, jikkontamina dik l-idea ta’ process rett, gust u trasparenti, li l-partijiet in *buona fede* legittimament jistennew minn dawn il-proceduri;

19.2. Kif ukoll ghall-interess ta’ l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja *stante* li tali konflitt:

19.2.1. Mhux biss ikun ghalhekk, fih innifsu , veikolu ta’ ingustizzja; izda

19.2.2. Timmina l-fiducja li c-cittadin ghandu jkollu fl-operat gust ta’ dan l-organu tant essenzjali ta’ l-istat;

Ikkunsidrat:

20. Illi *di piu`*, ghandu wkoll ikun pacifiku li l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni in dizamina rikjamati mir-rikorrenti in tutela tad-drittijiet taghha ma jittollerawx il-presenza ta' statut li facilment jista` jigi adoperat biex jimmina l-oghla drittijiet hemm sanciti, u dan, b'mod insindakabbli;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi in oltre, aspett partikolari indirizzat mir-rikorrenti lanjanti li jimmerita l-attenzjoni dovuta jirrigwarda l-offetti naxxenti mill-artiklu 10(6) tal-Kap 308 fuq riferit;

21.1. Illi l-imsemmi artiklu jistabilixxi s-segwenti:

> "Id-decizjoni moghtija mit-Tribunal tkun finali u konklussiva";

21.2. Illi konsegwenza tal-istess artikolu citat fil-paragrafu precedenti il-possibilita` li parti leza kellha li tuzfruwixxi ruhha mill-fakulta` li tappella minn sentenza nociva ghaliha billi tuzufruwixxi ruhha mill-possibilita` tad-*doppio esame*, giet bil-proceduri introdotti permezz ta' l-att in dizamina, eliminata;

21.3. Illi f'dan ir-rigward jigi immedjatament sottolineat li l-organi esekuttiv u legislattiv ovvjament ghandhom id-diskrezzjoni u l-fakulta` jillegizlaw bl-aktar mod wieghsa li jidhrilhom xieraq – sakemm dan ikun konformi mas-suddetti Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea;

21.4. Illi pero` ghandu jkun pacifiku li fil-kaz odjern il-ligi in dizamina jirrizulta li qed tmur lil hemm anke minn dawn il-Karti Kostituttivi *stante* li bl-azzjoni eliminatorja tal-imsemmi *doppio esame* wiehed qieghed jillegisla wkoll anke kontra l-uzu legislattiv operat f'pajjizna fejn fil-passat, fi proceduri ferm aktar serji u impenjattivi minn dawk hawn in dizamina – il-guri – fejn kien inhass li dan kellu jigi konfortat bil-possibilita` ta' appell, din il-possibilita` partikolari kienet sussegwentement giet introdotta;

21.5. Illi kuntrarju ghal dan, fil-kaz in dizamina jigi sottolineat li sar bil-maqlub billi fil-proceduri li qabel l-introduzzjoni tal-Kap 308 kienu jsiru fil-qrati civili ordinarji fejn allura kien hemm il-possibilita` tad-*doppio esame* insita fil-procedura in generali, din il-possibilita` giet sussegwentement eliminata;

21.6. Illi permezz ta' tali statut, jirrizulta ghalhekk li tnaqqas ukoll dritt specifiku u partikolari lic-cittadin li wkoll kien iservi biex jissodisfa dik is-serenita`, fiducja u kunfidenza li cittadin ghandu jkollu fis-sistema gudizzjarja;

**DECIDE:**

22.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovat it-talba taghha skont il-ligi, u filwaqt li fil-mertu tirrespingi r-risposti tal-intimat rimanenti fir-rigward:

22.1. Tiddikjara li l-Kap 308 tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra l-provedimenti ta' l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

22.2. Tordna li l-proceduri pendenti quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim ta' Wirt Numru 5/2003 kontra r-rikorrenti jieqfu;

22.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------